

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati)

(2011/C 123/04)

| ESO ⁽¹⁾ | Referenza u titlu tal-istandard armonizzat (u d-dokument ta' referenza) | L-ewwel publikazzjoni fil-ĠU | Referenza tal-istandard li għie sostitwit | Data tal-waġfa tal-preżunzjoni tal-konformità tal-istandard li għie sostitwit Nota 1 |
|--------------------|--|------------------------------|---|---|
| CEN | EN ISO 22716:2007 Kosmetika – Pratiċi Tajba ta' Manifattura (GMP) – Linji Gwida għal Pratiċi Tajba ta' Manifattura (ISO 22716:2007) | Din hi l-ewwel publikazzjoni | — | |

⁽¹⁾ ESO: Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzar:

- CEN: Avenue Marnix 17, 1000 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË, Tel. +32 25500811, Fax +32 25500819 (<http://www.cen.eu>),
- Cenelec: Avenue Marnix 17, 1000 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË, Tel. +32 25196871, Fax +32 25196919 (<http://www.cenelec.eu>),
- ETSI: 650 route des Lucioles, 06921 Sophia Antipolis, FRANCE, Tel. +33 492944200, Fax +33 493654716 (<http://www.etsi.eu>).

Nota 1: Ġeneralment id-data ta' waġfa tal-preżunzjoni ta' konformità tkun id-data tar-revoka ("dow"), stabbilita mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzar, iżda l-utenti għandhom jinnotaw li f' ċerti każijiet eċċezzjonali dan jista' jkun mod ieħor.

Nota 2.1: L-istandard il-ġdid (jew emendat) għandu l-istess għan bħall-istandard li għie sostitwit. Fid-data speċifikata, l-istandard li għie sostitwit, jieqaf milli jagħti preżunzjoni ta' konformità mal-ħtiġijiet essenzjali tad-direttiva.

Nota 2.2: L-istandard il-ġdid għandu għan usa' mill-istandard li għie sostitwit. Fid-data speċifikata, l-istandard li għie sostitwit, jieqaf milli jagħti preżunzjoni ta' konformità mal-ħtiġijiet essenzjali tad-direttiva.

Nota 2.3: L-istandard il-ġdid għandu għan aktar speċifiku mill-istandard li għie sostitwit. Fid-data speċifikata, l-istandard li għie sostitwit (parzjalment) jieqaf milli jagħti preżunzjoni ta' konformità mal-ħtiġijiet essenzjali tad-direttiva għal dawk il-prodotti li jaqgħu fil-għan tal-istandard ġdid. Ma tiġix effett-wata preżunzjoni ta' konformità mal-ħtiġijiet essenzjali tad-direttiva għall-prodotti li xorta jaqgħu fil-għan tal-istandard li għie sostitwit (parzjalment), iżda li ma jaqgħux fil-għan tal-istandard il-ġdid.

Nota 3: F' każ ta' emendi, l-istandard ta' referenza huwa EN CCCCC:YYYY, l-emendi preċedenti tiegħu, jekk kien hemm, u l-emenda l-ġdida kkwotata. Għalhekk l-istandard li għie sostitwit (kolonna 3) jikkonsisti f' EN CCCCC:YYYY u l-emendi preċedenti tiegħu, jekk kien hemm, iżda mingħajr l-emenda l-ġdida kkwotata. Fid-data speċifikata, l-istandard li għie sostitwit jieqaf milli jagħti l-preżunzjoni ta' konformità mal-ħtiġijiet essenzjali tad-direttiva.

NOTA:

- Kwalunkwe informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-istandards tista' tinkiseb jew mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzar jew mill-korpi nazzjonali tal-istandardizzar li l-lista tagħhom hija annessa mad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill emendata mid-Direttiva 98/48/KE.
- L-istandards armonizzati jiġu adottati mill-Organizzazzjonijiet Ewropej għall-Istandardizzazzjoni bl-Ingliż (is-CEN u s-Cenelec) jipubblikaw ukoll bil-Franċiż u l-Ġermaniż). Sussegwentement, it-titli tal-istandards armonizzati huma tradotti fil-lingwi uffiċjali meħtieġa l-oħrajn kollha tal-Unjoni Ewropea mill-Korpi Nazzjonali tal-Istandards. Il-Kummissjoni Ewropea mhix responsabbli mill-korrettezza tat-titli li tressqu għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.
- Il-pubblikazzjoni tar-referenzi fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ma timplikax li l-istandards huma disponibbli fil-lingwi kollha tal-Komunità.

- Din il-lista tiegħi post il-listi kollha preċedenti pubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni tiżgura l-aġġornament ta' din il-lista.
 - Aktar informazzjoni dwar standards armonizzati tinstab fl-Internet f'
http://ec.europa.eu/enterprise/policies/european-standards/harmonised-standards/index_en.htm
-